MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tat-18 ta' Jannar, 2011

Mandat Numru. 152/2010/1

George Zammit proprio et nomine

Vs

Bryvarc Ltd

Illum it-Tlieta, 18 ta’ Jannar 2011.

Il-Qorti,

Regghet rat ir-rikors prezentat minn Bryvarc Limited fid-29 ta’ Settembru 2010.

Rat it-twegiba ta’ George Zammit prezentata fit-12 ta’ Ottubru 2010.

Rat l-atti tal-mandat ta’ qbid numru 144/2010 fl-ismijiet **Bank of Valletta plc vs Bryvarc Limited** u l-provvediment li nghata llum.

Ikkunsidrat:-

1. George Zammit hu kreditur ta’ Bryvarc Limited ghal xoghol ta’ injam. Mill-atti jidher li in forza ta’ ittra ufficjali prezentata ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kap. 12, ghandu titolu ezekuttiv. Jirrizulta li fis-27 ta’ Awwissu 2010 l-ufficjal ezekuttiv ghamel rikonjizzjoni peress li l-oggetti kienu diga’ maqbuda in forza tal-mandat ta’ qbid numru 144/2010.

2. Ir-raguni li tat Bryvarc Limited ghalfejn il-magni numru MPR5000 u MPR5800 m’ghandhomx jibqghu milquta mill-mandat, hi l-istess bhal dik li saret fir-rikors li pprezentat fl-atti tal-mandat ta’ qbid numru 144/2010. Sabiex ma jkunx hemm ripetizzjoni l-qorti qeghda tapplika *mutatis mutandis* ir-ragunament li sar fil-provvediment li nghata llum mill-qorti superjuri presjeduta mill-istess Magistrat.

**Ghaldaqstant, tichad it-talba ta’ Bryvarc Limited bl-ispejjez kontra taghha.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------